MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2277/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Georgina Bugeja abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Georgina Bugeja (620459(M))**

**vs**

**Silvio Farrugia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Novembru, 2004 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlieta u sebghin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm373.65) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill**

attrici Georgina Bugeja assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm348.65), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess Georgina Bugeja in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta' Marzu 2004 gewwa Triq il-Bronja, Zurrieq, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attrici Georgina Bugeja, bin-numru ta' registrazzjoni ABI-558 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni LCB-837, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Limited, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-10 ta' Dicembru, 2004, fejn intqal:
Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante li l-incident tat-traffiku mertu ta' din il-kawza ma garax tort u htija tal-esponenti izda gara unikament tort u htija tal-attrici Georgina Bugeja u dana kif sejjer jigi spjegat waqt il-kawza permezz ta' xhieda.
Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semgha x-xhieda ta' Georgina Bugeja, Miriam Grech, Marylou Zahra u Silvio Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:
1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta' Marzu, 2004 fi Triq il-Bronja, Zurrieq, bejn il-vettura tal-attrici numru ta' registrazzjoni ABI-

**558 u dik tal-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni LCB-837.**

**2. Skond ir-road accident report maghmul mil-warden, l-attrici stqarret li pparkeggjat il-karozza u harget it-tifel ghall-privat, rat lill-konvenut jregga' lura fiha, u daqqitlu il-horn. Il-konvenut qed jghid li hu kien parkeggjat u kienet l-attrici li dahlet fih.**

**3. Jirrizulta illi l-attrici fil-mument tal-kollizzjoni fil-fatt tassew kienet parkeggjata u dana huwa konfermat minn Miriam Grech, omm l-attrici. L-attrici kellha lil binha ta' ghaxar snin riekeb fuq wara u kienet waqfet biex twassal lil binha ghall-privat. Jirrizulta illi l-attrici ma waqfitx ezatt mal-bankina u dana huwa muri bic-car mir-ritratti a fol 20 u 21 tal-process. Hi fil-fatt waqfet daqs kwazi nofs wisgha ta' karozza l-barra mill-bankina. Jirrizulta wkoll illi kienet konxja tal-vettura tal-konvenut quddiemha u bejniethom kien hemm forsi spazju ta' karozza jew inqas.**

**4. Il-konvenut qed jichad illi kien nizzel lit-tfajla u regga' lura u l-istess tfajla Marylou Zahra tghid illi kienet bil-bieba miftuha lesta biex tinzel mill-karozza meta sehhet il-daqqa.**

**5. Qed jigi allegat li l-attrici daqqet il-horn meta ratu jregga' lura pero' sehhet il-kollizzjoni.**

**6. Il-konvenut jallega li l-karozza tieghu kienet mitfija.**

**7. It-Tribunal jinnota wkoll illi l-sketch esebit a fol 19 ma jirriflettix sewwa l-posizzjoni tal-vetturi fil-konfront tal-bankina.**

**8. It-Tribunal qieghed iqis aktar kredibbli l-versjoni moghtija mill-attrici u minn ommha in kwantu jirrizulta li din iddikkjarat anke a tempo vergine illi daqqet il-horn. La darba ghamlet hekk hi kienet qed taghmel dan proprju bhala sinjal minhabba li rat lill-konvenut iregga' lura u kellha vista perfetta tieghu. Mill-banda l-ohra ghandu jinghad illi Marylou Zahra illi kienet mal-konvenut qalet li kienu pparkeggjati quddiem il-garage ta' ommha, pero' dana l-garage jinsab immarkat "X" fil-fol 19 u cioe' distanza ta' circa vettura u nofs il-boghod mill-quddiem tal-vettura ta' l-attrici. Dana jindika illi wara li kienu parkeggjati hemm**

**il-konvenut regga' lura kif qalet l-attrici u sehhet il-kollizzjoni b'tort unikament tal-konvenut.**
**9. Bhala danni dawna ma humiex kontestati u fi kwalunkwe kaz jirrizultaw mid-Dok RF 2 RF 3 u RF 4 esebiti fl-ammont reklamat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija tmienja u erbghin lira u hamsa u sittin centezmu (Lm348.65), u lill-attrici Georgina Bugeja l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-10 ta' Dicembru, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici GasanMamo Insurance Limited, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------